



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 13.12.2007
KUMM(2007) 782 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar it-terminazzjoni tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens
finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-
Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja fis-settur tas-sajd**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja dwar is-sajd ġie ffirmat għal perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Awwissu 2006. Skond l-Artikolu 12 tiegħu, il-Protokoll jista' jiġġedded darbtejn, kull darba għal perjodu ta' sentejn, abbażi ta' ftehim taċitu bejn il-Partijiet, sa meta jingħata avviż għat-terminazzjoni. Din it-terminazzjoni hija prevista fl-Artikolu 13 tal-Protokoll, u teħtieġ li l-Parti interessata tavża bil-miktub lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni tagħha li ttejjem il-Protokoll ta' l-anqas sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu inizjali jew ta' kull perjodu supplementari.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Protokoll hija stabbilita għal € 86 000 000 kull sena għall-opportunitajiet tas-sajd relatati fil-ħdax-il kategorija, li jistgħu jintużaw mit-tmax-il Stat Membru II-livell ta' l-użu ta' dawn il-kategoriji tas-sajd m'huwiex l-aħjar. Il-biċċa l-kbira minnhom m'humix użati biżżejjed u b'hekk iqiegħdu l-vijabbiltà ekonomika u finanzjarja ta' dan il-Protokoll fil-perikolu. Konsegwentement, huwa propost li dan il-Protokoll m'għandux jiġi mġedded b'mod taċitu, iżda jintemm skond l-Artikolu 13 tiegħu, sabiex jistgħu jinfetħu negozjati ġodda mal-Mawritanja bil-ħsieb li jiġi negozjat Protokoll ġdid li joffri opportunitajiet għas-sajd li huma adattati għar-rekwiżiti stabbiliti tal-flotti ta' l-Istati Membri kkonċernati u għall-kontribuzzjoni finanzjarja li hija aġġustata skond dan.

Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jadotta din id-Deċiżjoni.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar it-terminazzjoni tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kumpens finanzjarju previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja fis-settur tas-sajd

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea u, b'mod partikolari, it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 300, flimkien ma' l-Artikolu 37, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Il-Komunità u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja kkonkludew Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja msemmija fil-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja¹ dwar is-sajd għal perjodu ta' sentejn mill-1 ta' Awwissu 2006. Skond l-Artikolu 12 tiegħu, il-Protokoll jista' jiġġedded darbtejn, kull darba għal perjodu ta' sentejn, abbażi ta' ftehim taċitu bejn il-Partijiet, ħlief jekk jingħata avviż minn wieħed mill-Partijiet.
- (2) B'kont meħud li mhux l-ogħla livell ta' użu qed jintuża għall-opportunitajiet tas-sajd offerti minn dak il-Protokoll, huwa fl-interess tal-Komunità, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 tiegħu, li jintemm dak il-Protokoll u jinfetħu konsultazzjonijiet mar-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja.
- (3) Sabiex ikun żgurat l-issuktar ta' l-attivitajiet tas-sajd mid-data ta' l-iskadenza tal-Protokoll li jkun ġie terminat, għandhom jinfetħu negozjati ġodda sabiex jiġi negozjat mill-ġdid Protokoll iktar adattat għar-rekwiżiti stabbiliti tal-flotti ta' l-Istati Membri rigward l-opportunitajiet tas-sajd, skond l-linji gwida ppublikati mill-Kunsill.

JIDDEĊIEDI:

Artikolu Uniku

Il-Kunsill jikkonferixxi lill-Kummissjoni s-setgħa biex ittemm, fisem il-Komunità, il-Protokoll imsemmi hawn fuq u tavża formalment lir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja ta' din it-terminazzjoni.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja – ĠU L 343/9 tat-8 ta' Diċembru 2006.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*